MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2008

Citazzjoni Numru. 399/2007

**A**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku et**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fil-15 ta' Ottubru, 2007 li permezz tiegħu l-attriċi esponiet bir-rispett:

1. Illi hija żżewġet lill-konvenut B fit-3 ta' Ġunju, 2000.

2. Illi l-konjuġi A kienu mifruda għal żmien twil *de facto*, minn Awissu tas-sena 2000 stess, *cioe'* ftit xhur wara li żżewġu, u fit-12 ta' Frar tas-sena 2007 l-istess attriċi kienet infirdet *de jure* mill-imsemmi B, u dan hekk kif

jidher minn kopja legali tal-kuntratt ta’ separazzjoni relattiv anness ma’ dan l-att u mmarkat bħala Dok. GF1 u baqgħet hekk legalment u fiżikament mifruda minnu sal-lum;

3. Illi l-attriċi fil-fatt kellha, u fil-fatt għad għandha, relazzjoni mal-konvenut l-ieħor C, u minn din ir-relazzjoni twieldet fit-13 ta’ Lulju tas-sena 2007 it-tarbija D hekk kif jidher miċ-ċertifikat tat-twelid anness (Dok. GF2);

4. Illi fl-imsemmi ċertifikat tat-twelid il-konvenut B huwa mniżżel bħala l-missier naturali tat-tifla minuri msemmija u dan minħabba l-preżunzjoni li min jitwieled fiż-żwieġ hu preżunt li huwa wild il-konjuġi;

5. Illi l-attriċi A fiż-żmien bejn it-tliet mitt jum u l-mija u tmenin jum qabel it-twelid tat-tifel, kienet f’impossibbilta’ fiżika li tgħammar ma’ żewġha minħabba li kienet toqgħod ’il bogħod minnu *oltre* l-fatt li kienet mifruda *de facto* minn ma’ żewġha, u dan kif diġa’ spjegat qabel;

6. Illi l-attriċi minn mindu sseparat *de facto* u *cioe’* sa mis-sena 2000 qatt ma kellha relazzjonijiet intimi mal-konvenut B u fil-fatt hi bdiet relazzjoni u kellha x’taqsam biss mal-konvenut C;

7. Illi r-riżultati tat-testijiet tad-DNA li saru minn kampjuni meħudin minn fuq il-persuni ta’ l-attriċi, tal-minuri u tal-konvenut C juru kjarament u jikkonfermaw it-teżi attriċi, u *cioe’* li l-minuri D m’hijiex il-wild naturali ta’ B, u għalhekk tinsab eskluża b’ċertezza l-preteża *favor legittimatis*;

8. Illi għalhekk iċ-ċertifikat tat-twelid ta’ D għandu jiġi emendat fis-sens li juri l-missier naturali tat-tarbija bħala C imwielda fit-13 ta’ Lulju, 2007.

Titlob għalhekk l-attriċi *proprio et nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-imsemmi minuri D m'hijiex it-tifla naturali tal-konvenut B, iżda hija t-tifla naturali tal-konvenut C.

2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jemenda l-att tat-twelid tal-minuri D billi, f'dik il-parti dedikata għad-dettalji ta' missier it-tarbija, fejn hemm miktub isem u kunjom missier it-tarbija, l-isem B jiġi sostitwit bl-isem C; fejn hemm miktub l-eta' tal-missier flok '39' jitniżżel '35'; fejn hemm miktub fejn twieled, flok ______ (pajjiż barrani) jitniżżel 'Pieta`'; fejn hemm miktub fejn joqgħod flok '______' jitniżżel '___________' (lokalita'), u fejn hemm imniżżel 'isem u kunjom il-missier u jekk huwiex ħaj jew mejjet', (missier il-missier tat-tarbija), flok 'E (*alive*)' jitniżżel 'F (*alive*)'.

3. Tiddikjara konsegwentement illi kunjom il-minuri konvenuta D huwa C u tordna li hekk għandu jitniżżel fid-dokumenti kollha uffiċċjali relattivi.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti li minn issa jinsabu nġunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti Kuraturi Deputati, ippreżentata fil-25 ta' Jannar, 2008, li permezz tagħha esponew bir-rispett:

Illi huma m'humiex edotti mill-fatti li taw lok għal din il-kawża u jirriżervaw illi jippreżentaw nota ta' l-eċċezzjonijiet ulterjuri kemm-il darba huma jiġu edotti mill-fatti.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' l-intimat id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, ippreżentata fil-31 ta' Jannar, 2008, li permezz tagħha espona bir-rispett u bil-ġurament tiegħu kkonferma s-segwenti:

1. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors ġuramentat u għalhekk jirrimetti ruħu għall-provi dwar it-talbiet, inkluż dawk it-testijiet xjentifiċi neċessarji, għall-ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrenti għandha tispeċifika d-dettall tan-numru tal-karta ta' l-identita' ta' l-allegat missier naturali ta' l-intimat Csabiex jekk it-talbiet tar-rikorrenti jintlaqgħu, dan id-dettall ikun jista' jiġi nserit fl-Att tat-Twelid in kwistjoni flimkien mad-dettalji l-oħra. *Inoltre*, ir-rikorrenti għandha titlob li jekk jintlaqgħu t-talbiet attriċi, għandhom jiġu kanċellati l-kliem "*the said*" minn taħt il-kolonna li tispeċifika d-dettalji ta' omm it-tarbija.

3. Illi r-rikorrenti għandha tipprova l-impossibbilta' fiżika bejn il-konjuġi B u r-rikorrenti stess A.

4. Illi għandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* ta' l-Artikolu 254 tal-Kapitlu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

5. Illi għandu jiġi ndikat fit-talbiet attriċi n-numru progressiv ta' iskrizzjoni ta' l-Att tat-Twelid in kwistjoni.

6. Illi fi kwalunkwe każ it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid m'huwiex attribwibbli għal xi nuqqas ta' l-esponent li għaldaqstant m'għandux jiġi soġġett għall-ispejjeż ta' l-istanti.

7. Salv eċċezzjonijiet oħra.

Tant għandu x'jissottometti l-esponent għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat l-ammissjoni tal-konvenut C.

Rat l-atti proċesswali, u senjatament l-affidavit ta’ l-attriċi, u r-rapport ta’ l-espert tad-DNA.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta’ Frar, 2008 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi qegħda titlob dikjarazzjoni li t-tarbija li kellha u reġistrata bħala bint ir-raġel tagħha m’hijiex it-tifla naturali tal-konvenut B iżda hija t-tifla naturali tal-konvenut C. Fil-fatt il-konvenut C ammetta dan fil-verbal tas-seduta tal-11 ta’ Frar, 2008, u l-Kuraturi baqgħu mhux edotti bil-fatti. L-attriċi sseparat minn ma’ żewġha legalment ħames xhur qabel it-twelid tat-tarbija.

Din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet Josianne Giusti vs Pierre Giusti et deċiża fis-16 ta’ Frar, 2001 kienet qalet hekk;

“*Illi fil-mertu jirriżulta li fiż-żmien li setgħet tiġi konċepita t-tarbija l-attriċi kellha relazzjoni mal-konvenut fl-istess waqt li f’dak iż-żmien ma kellhiex x’taqsam mar-raġel tagħha. Din il-Qorti rriteniet illi din il-prova hija suffiċjenti biex jiġi sodisfatt il-kriterju stabbilit fl-Artikolu 77 tal-Kodiċi Civili (Spiteri pro et noe vs Cilia et, fost oħrajn 30 ta’ Jannar, 1998). Finalment hemm l-ammissjoni ta’ l-omm li minkejja li waħeda mhux biżżejjed (Art. 70 (2) tal-Kodiċi Ċivili), meħuda ma’ dawn iċ-cirkostanzi l-oħra telimina kull dubju f’moħħ il-Qorti dwar il-paternita’ tat-tarbija.*”

Il-Qorti għandha l-istess konvinċiment f’din il-kawża u ma hemm ebda dubju dwar it-talba ta’ l-attriċi u anke f’dan il-każ hemm ammissjoni ċara. Barra hekk ġie esebit ukoll it-test tad-DNA li jkompli jikkonferma dan.

Rigward l-eċċezzjonijiet tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku l- l-Artiklu 254 ġie sodisfatt billi l-pubblikazzjoni saret a fol 29. Għandu raġun id-Direttur pero’ jgħid li l-kliem “*the said*” għandhom jiġu kkanċellati minn taħt il-kolonna li tagħti t-tagħrif ta’ l-omm.

**Għaldaqstant il-Qorti:**

**1. tilqa' l-ewwel talba;**

2. **tilqa' t-tieni talba u tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li jirreġistra l-korrezzjonijiet neċessarji (kompriż dak indikat fl-eċċezzjoni tiegħu) fl-att tat-twelid tal-minuri msemmija billi jiġu mniżżla l-konnotati tal-konvenut C kif indikati fit-tieni talba stess u fil-verbal tas-seduta tal-11 ta' Frar, 2008.**

3. **tilqa' t-tielet talba.**

**L-ispejjeż jitħallsu mill-attriċi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------